# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 32*

***5.30p.m 10 ta' Ġunju 2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

### *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

## *32.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

32.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbet biex tiġi skużata minħabba mpenji personali.

## *32.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

32.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 31. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

32.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-Kunsill li l-awtoritajiet tas-saħħa ma tawx permess lill-Kunsill biex isir l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-monument ta' Patri Mario, minkejja li l-Kunsill kien ser jagħmel siġġijiet fejn kulħadd kien ser ikun bilqegħda b'massimu ta' 100 ruħ u bid-distanza neċessarja.

32.2.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul dawn l-aħħar ġimgħat il-Kunsill kien f'kuntatt ma kumpanija ADI Associates, li huma esperti fil-qasam t'analiżi ambjentali speċjalment f'dak li huwa assessjar ambjenali. Matul il-laqgħa huma talbuna li l-Kunsill għandhu bżonn jagħmel ċertu riċerka qabel ma jieħu pass ġdid dwar ir-rilokazzjoni tal-operat tat-tank cleaning facility fil-Marsa. Huma qalu li l-Kunsill irid ikun jaf jekk ir-Rikasoli Facility hux qed jiffunzjona, l-istudju li sar fuq ir-rilokazzjoni u għalfejn intgħażlet il-Marsa. Is-Sindku spjega ukoll li biex il-Kunsill jikseb din l-informazzjoni hemm bżonn li l-Kunsill jinvoka l-Freedom of Information Act sabiex il-Ministeri kkonċernati jagħtuna l-informazzjoni li għandna bżonn. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li idejalment stenna li din it-tema tkun għaliha fl-aġenda. Apparti hekk l-Kunsillier qal li l-ERA kienu ilhom disa' snin jirrifjutaw l-espansjoni tal-operat, u l-Kunsill ma jridx jidher li qed ipartat proġett ma ieħor għax dan ma jkunx qed jirrifletti tajjeb. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li d-diskussjonijiet li l-Kunsill beda' mall-Gvern iridu jkomplu jsiru u peress li l-Kunsill għandhu argument b'saħħtu kontra dan it-trasferiment il-Kunsill irid jibqa' jopponieħ. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb ittra lill-Ministru tal-Ambjent u tal-Infrastruttura sabiex naraw fiex wasalna hekk kif il-Kunsillier jemmen li huwa dmir li jistaqsi l-Gvern li jgħamel parti minnu li jagħtini tweġiba fuq dawn il-mistoqsijiet. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li jmiss din ser terġa tkun tema' għaliha bl-updatesfuq dak li ġie diskuss illum.

## *32.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

32.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono staqsa dwar l-ammont ta' flus li ser joħroġ il-Kunsill dwar il-proġett ta' Slow Streets meta fil-fatt m'hemm l-ebda traffic management f'dan l-istudju. Is-Sindku qal li apparti dan l-Perit inkarigat min dan l-istudju qed jitlob lill-Kunsill pagament ta' €75 mingħajr VAT għal kull siegħa biex jispjega ix-xogħol li għamel hu stess. Is-Sindku żied jgħid li dawn il-flus

li l-Kunsill mistenni joħroġ huma fondi li ser jiġu mogħtija lura l-Kunsill mir-Reġjun Xlokk. Kien hawn li qamet diskussjoni fost dawk preżenti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li ma tagħmilx sens li biex tispjega ix-xogħol li tkun ghamilt titlob ħlas addizzjonali, apparti l-fatt li l-Kunsill ma laqa' l-ebda proposta li hemm fiħ. Is-Sindku vverifika dan il-fatt għaliex anke huwa stess kien iddissappuntat għal fatt li ma kien hemm l-ebda suġġerriment li ressaq huwa stess li ġie amalgamat ma dan il-proġett. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill jista' jieħu deċiżjoni aktar il-quddiem fuq dan il-pagament fl-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

32.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li l-iskip ta' Triq l-Iskola qed ikun hemm problema kbira minħabba l-ammont kbir ta' skart li jkun hemm fiha. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm bżonn li din l-iskip titneħħa, għalkemm il-problema tinfirex f'akwati tal-madwar hekk kif l-iskart jibda' jintrema' bl-addoċċ minflok fejn kien hemm l-iskip. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dwar din il-kwistjoni hemm bżonn li l-uffiċjali tal-ERA jiġu libsin pajżana. Is-Sindku qabel ma din il-proposta u ser ikun qed irressaqa għall-attenzjoni tal-ERA, u fil-fatt permezz ta' email irċieva li saru mjiet ta' spezzjonijiet iżda kull ma ġew immultati huma żewġ persuni biss.

32.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab biex siġra fi Triq il-Jum titneħħa minħabba li hija ta' periklu. Is-Sindku rrimarka li din is-sġra ser titneħħa bħala parti mill-proġett tal-Housing.

32.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa meta ser ikun qed jibda l-proġett ta' Ġnien Belveder. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fil-bidu tal-ġimgħa d-dieħla ser ikun qed jibda dan il-proġett.

32.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab biex ikun hemm dawl biżżejjed fiż-żona hekk kif jinbeda' l-proġett. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan huwa punt tajjeb li ser ikun qed iressqu għall-attenzjoni tal-Perit.

32.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn li s-siġar f'Antonio Doublet jinżabru. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li meta jkun żmienu dawn ikunu jistgħu jinżabru, dan jiġi kkordinat mall-kuntrattur.

32.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab biex l-iskip li hemm quddiem Paul & Rocco tersaq lura f'postha hekk kif din niżlet l-isfel. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li din nistgħu mmexxu fuqha.

32.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer informa lil dawk preżenti li tkellem ma persuni li jifmhu fil-qasam tal-bini u nfurmawħ li l-galleriji fil-fatt jistgħu jsiru u tajjeb jekk qabel ma jsiru dawn il-pjanijiet ikun hemm dawn il-possibilitajiet inkużi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li f'din id-diskussjoni jrid ikun hemm konsiderazzjoni dwar l-infieq fuq proġett bħal dan iżda ma għandhu l-ebda problema li jerġa jkellem il-Perit dwar dan u jressaq proposti oħrajn għall-attenzjoni tal-Kunsill.

32.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab lill-Kunsill sabiex tintbgħat ittra t'awgurju għall-President il-ġdid tal-Marsa F.C. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma dan il-ġest.

## *32.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

32.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 06/2021 annessa. Kif ġie diskuss aktar kmieni fil-laqgħa f'numru 32.4.1 hemm qbil fost il-membri preżenti li l-Kunsill iżomm il-ħlas tal-perit li għamel id-dokument tal-Slow Streets sakemm dan jagħmel laqgħa mall-Kunsill

b'xejn biex jispjega x-xogħol li għamel hu stess u jieħu l-proposti tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom barra dak tal-perit. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *32.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

32.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina avviċina l-Kunsill bix-xewqa li jsir momument ta' Marija Reġina hekk kif is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra disinn tal-monument u l-istimi tiegħu. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-Kunsill bħalma għamel dejjem fil-passat jagħti l-ammont ta' €3,000 lil dawk l-għaqiet li ser jagħmlu xogħol artistiku fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel ukoll li tajjeb li jkun hemm aktar diskussjoni fuq il-post eżatt fejn jista' jitqiegħed dan il-monument minħabba li l-post imsemmi huwa propju f'waħda mid-daħliet ewlenin tal-lokalita' Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

32.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Marija Reġina qed tistaqsi l-Kunsill jekk hux interessat li jagħmel reklam fuq il-Ktieb tal-Festa 2021 bħalma jsir kull sena għall-ammont ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda.

32.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-Sur Joseph Borg għamel rapport li nhar it-23 Marzu 2021 kellu ħsara fil-wheel bearing tal-karozza minħabba ħofra li kien hemm f'Marsa Road, li l-ammont tal-ħsara huwa ta' €230.10. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-persuna kkonċernata tingħata l-ħlas. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot kien maqsum hekk; il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia astjenew filwaqt li s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u l-Kunsillier is-Sur Francis Debono vvutaw favur il-ħlas.

32.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill irċieva ittra legali min FACES dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li jwaqqaf il-proceduri kontra Infrastructure Malta fil-Qorti. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssuġġerixxa li din l-ittra għandha tiġi għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.7 Deċiżjoni għall-Fondi Vertical Garden*

31.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar jiem kellu laqgħa mall-Onorevoli Aaron Farrugia fejn ġew spjegati metodi differenti ta' kif il-Kunsill jkun jista' jġib il-fondi biex issir il-Vertical Garden. Waħda min dawn il-possibiltajiet hija li l-Kunsill jissieħeb ma NGO jew Skola u b'hekk il-Kunsill ikun eleġibbli li jirċievi €72,000 b'fondi. Il-kumplament ikunu jistgħu joħorġu mill-UIF funds. Is-Sindku jistgħa jikkonferma li s-Surmast tal-iskola Primarja diġa' aċċetta li jidħol bi sħab mall-Kunsill, u wara li f'idejna ikollna id-disinn tal-proġett tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li jekk ikun possibli ssir anke waterfall bid-dawl, u wara dan kien hemm diskussjoni. Il-Kunsill qabel li toħroġ espressjoni t-Interess sabiex insibu disinji addatti għaż-żewġ naħat tat-triq. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.8 Deċiżjoni dwar Impjieg ta' Skrivan fil-Kunsill (back-to-back)*

32.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekkutiv is-Sur Edward Spiteri Audibert jagħti d-dettalji ta' min applika u min intgħażel mill-Bord tal-Evalwazzjoni għall-irwol ta part-time clerk fi skala 15 (back to back). Is-Segretarju qal li kien hemm total ta' tlett persuni li għamlu l-interview u jrew l-interess li jaħdmu fil-Kunsill li kienu s-Sur Mario Farrugia, is-Sinjorina Ilaria Aquilina u s-Sur Nathaniel Scerri. Kien hemm qbil unanimu fost il-Bord li l-persuna li tilħaq il-kriterji kollha biex tokkupa din il-vakanza hija s-Sinjorina Ilaria Aquilina. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu mistoqsijiet dwar din it-tema, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.9 Bye Law Kontroll tal-Ħammiem*

32.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qegħda tinforma lill-Kunsilli kollha sabiex jiġi ffirmat mandat min kull Kunsill sabiex taġġixxu fuq skala nazzjonali biex il-ħammiem ikun ikkontrollat b'metodi li jirrispettaw l-annimali u n-natura. Dan hekk kif hemm ġwies li jwassal biex il-ħammiem isir infertili u b'hekk filwaqt li ma jinqatlux ma jkunux jistgħu jirriproduċu. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kienn unanimu.

## *32.10 Sitwazzjoni dwar it-tindif fil-korsa*

32.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Colin Pace jagħti rendikont ta' dak li qed jiġri fiż-żona tal-korsa. Il-Kunsillier qal li r-residenti tal-akwata fl-imgħoddi kienu imdorrijin jarmu l-boroz fl-iskips u mhux skond l-iskeda. Huwa rrimarka li għamel ħafna ħin jitkellem mar-residenti biex jispjegalhom kif jinġabar l-iskart skond l-iskeda. Madankollu, jemmen li trid tiżdied l-koperazzjoni mall-Kumitat tar-Racetrack u japprezza jekk jistgħa jintaqa' magħhom. Is-Sindku qal ukoll li sar ħafna xogħol min naħa tal-Kunsill u filfatt tqammu mad-djar kollha l-iskeda ta' kif jinġabar l-iskart u ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jkun hemm koperazzjoni akbar mall-kumitat imsemmi anke fuq livell informali.

## *32.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

32.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u ġiet aġġornata għas-7 ta' Lulju fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMTA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |